# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

## DECIZJONI NRU. 322

KAZ NRU. 469

Fit-Tilwima tax-Xoghol
bejn
Paolo Bonnici Ltd.
kif rapprezentata minn
Paul Bonnici
u
l-General Workers' Union
u l-Union Haddiema Maqghudin
rigward talba ghall-gharfien
tad-"deliverymen".

Data : 23 ta' Novembru 1988

Chairman : Is-Sur Anthony Farrugia, L.P.
Membri : Is-Sur Joseph Debattista, NDA, CDA, ND Agric. E.
Is-Sur Vincent Esposito

INTRODUZZJONI

B'ittra tas-sittax (16) t'Awissu 1988 il-Ministru tal-Politika Socjali rrefera din it-Tilwima tax-Xoghol ghad-decizjoni ta' dan it-Tribunal b'dawn it-"terms of remit" :

"To consider and decide whether, in the case of Paolo Bonnici Limited, recognition should be granted on the basis of:-

i) an absolute majority membership of all the Company's employees, as it is at present, or

ii) separate groups of employees as being claimed by the General Workers' Union.

/.....

B'ittra tat-tmintax (18) t'Awissu 1988, l-Union Haddiema Maqghudin, peress li din it-Tilwima hi ta' interess dirett ghall-istess Union, talbet li tinghatalha opportunita' shiha li taghmel is-sottomissjonijiet taghha quddiem dan it-Tribunal waqt is-smiegh ta' l-istess Tilwima.

B'ittra tad-dsatax (19) t'Awissu 1988 dan it-Tribunal laqa' t-talba u l-Union Haddiema Maqghudin iddahhlet parti fit-Tilwima.

It-Tribunal zamm sitt (6) seduti. Ghall-Kumpanija dehru s-Sinjuri Paul Bonnici (Senior) u Paul Bonnici (Junior) Direttur u Segretarju tal-Kumpanija rispettivament assistiti mis-Sur Albert Tabone, Segretarju Generali tal-Employers' Association. Ghall-General Workers' Union dehru s-Sur Harold Walls, Deputat Segretarju Generali, is-Sur Alphonse Meli, Segretarju Taqsima Kimika, is-Sur George Micallef, Assistent Segretarju Taqsima Kimika u s-Sur Anthony Demicoli, Shop Steward. Ghall-Union Haddiema Maqghudin dehru s-Sinjuri Maurice Agius u Alfred Mangion, Segretarju Generali u Segretarju tas-Settur Privat rispettivament.

It-Tribunal ra l-atti kollha tal-kaz, ra d-dokumenti, sema' x-xhieda u ra konjizzjoni tas-sottomissjonijiet tal-partijiet.

<u>L-ORIGINI TAT-TILWIMA</u>

Il-Kumpanija Paolo Bonnici Limited li, sa dak in-nhar li nqalet din it-Tilwima, kienet timpjega sebgha u tletin (37) ruh, nisa u rgiel, fit-tmienja (8) ta' Lulju 1988 giet mitluba mill-Union Haddiema Maqghudin biex tinghata gharfien fir-rigward ta' l-impjegati taghha mhabba l-fatt li l-maggoranza assoluta ta' dawn l-istess impjegati kienu membri ta' l-istess Union.

/.....

wara laqgha bejn iz-zewg partijiet il-Kumpanija accettat it-talba tal-Union u, b'ittra tal-ghoxrin (20) ta' Lulju 1988, infurmat lill-istess Union f'dan is-sens. Fit-tmienja u ghoxrin (28) ta' Lulju 1988, il-General Workers' Union kitbet u talbet lill-Kumpanija gharfien ghall-haddiema fis-sezzjoni tad-"Delivery".

Fit-tnejn (2) t'Awissu 1988, il-Kumpanija wiegbet li ma setghetx tilqa' t-talba peress li l-maggoranza assoluta tal-haddiema kienu membri ta' Union ohra. Minkejja aktar korrizpondenza bejn il-Kumpanija u l-General Workers' Union baqa' ma' ntlahaqx ftehim bejniethom u l-Union harget direttiva ghall-azzjonijiet industrijali kontra l-Kumpanija b'effett mis-sittax (16) t'Awissu 1988; l-Union Haddiema Maqghudin ukoll wissiet lill-Kumpanija li tiehu l-azzjonijiet kollha li jidrilha xierqa kemm-il darba l-istess Kumpanija taghti xi widen ghall-pretenzjoni tal-General Workers' Union.

Il-Kumpanija rrikorriet ghand id-Direttur tax-Xoghol u Emigrazzjoni li minnufih sejjah laqgha ta' koncilјazzjoni li kellha ssir fis-sittax (16) t'Awissu 1988, ghal liema laqgha l-General Workers' Union dehrilha li ma' kelliex tattendi kif fil-fatt ma' attendietx; minn dak in-nhar l-istess Union bdiet thaddem "bojkott" bil-haddiema tal-port kontra prodotti u merkanzija impurtati mill-istess Kumpanija. Ghalhekk il-Kumpanija ddecidiet li tressaq din it-Tilwima quddiem it-Tribunal u b'ittra tas-sittax (16) t'Awissu 1988 talbet lill-Ministru tal-Politika Socjali f'dan is-sens, skond l-artikolu sebgha u ghoxrin (27) ta' l-Att ta' l-1976 dwar Relazzjonijiet Industrijali ghad-decizjoni tal-istess Tribunal bit-"terms of remit" ga msemmija.

<u>KONSIDERAZZJONIJIET</u>

Peress li l-imsemmi Att ma' jipprovdix ghall-makkinarju u ghall-kriterji kif jigi stabbilit l-"gharfien" ("recognition")

/.....

ta' Union biex tirrapprezenta l-haddiema f'azjenda sa issa, it-Tribunal irid jiddeciedi din it-Tilwima fuq il-prattika stabbilita, b'mod partikolari fis-settur privat, wara li jkun ezamina c-cirkostanzi kollha ezistenti fl-azjenda in kwistjoni b'mod li l-istess decizjoni, barra li tkun gusta, tkun l-aktar wahda agevoli ghall-istess azjenda minghajr, fl-istess hin, ma' tkun ta' dannu ghall-haddiema. Il-prattika stabbilita fl-Industrija Privata hi li l-gharfien ("recognition") lill-Union jista' jinghata jew ghall-haddiema kollha ("sole recognition") fl-azjenda fil-kaz fejn il-maggoranza assoluta ta' l-istess haddiema jkunu membri ta' l-istess Union jew dan l-gharfien ("recognition") jinghata separatament ghall-haddiema "industrijali" u ghall-haddiema "mhux industrijali" lil dik il-Union li jkollha l-maggoranza assoluta f'xi wahda minn dawn iz-zewg klassijiet ta' haddiema biss.

Din il-prattika hi konformi ma' l-ahhar "proviso" tas-subartikolu (2) tal-artikolu 31 ta' l-imsemmi Att li jghid li f'kaz tat-tkeccija, fejn hemm Union maghrufa mill-Principal bhala li tirrapprezenta l-klassi ta' haddiema li minnha l-haddiem imkecci huwa wiehed, il-kaz quddiem it-Tribunal jista' jigi pprezentat jew mill-istess haddiem jew mill-Union maghrufa mill-Principal. Dwar l-istess "proviso" fit-Tilwima tax-Xoghol bejn l-Union Haddiema Maqghudin u Andrews Feeds (Malta) Ltd. (Kaz Numru 448)., it-Tribunal osserva li "Dan ma jfissirx li l-ligi jew li l-prattika fil-kamp tar-relazzjonijiet industrijali jinkoraggixxu li l-haddiema f'azjenda jinqasmu f'hafna biccie t"; ghalhekk wisq anqas l-istess ligi u l-istess prattika jinkoraggixxu li l-haddiema f'azjenda jinqasmu f'hafna "frak".

Kif gia nghad, il-Kumpanija, sa dak in-nhar li nqalghet it-Tilwima kienet timpjega sebgha u tletin (37) haddiem, nisa u

/.....

rgiel, kif elenkati fid-Dokument "A" anness mad-"Dikjarazzjoni tal-Kaz ("Statement of Case") ta' l-istess Kumpanija; fost dawn il-haddiema, tmienja (8) huma mpjegati bhala "Labourers" u wiehed (1) bhala "Labourer/Driver" kif irrizulta wkoll mill-Ktieb tax-Xoghol ("Work Book") rispettiv taghhom b' eccezzjoni ta' tnejn (2) li r-rapprezentant tad-Direttur tax-Xoghol u Emigrazzjoni ma' kienx f'qaghda li jipproduci flimkien mal-Kotba tax-Xoghol l-ohra u li l-General Workers' Union qed issejhilhom "Deliverymen" peress li x-xoghol taghhom jinkludi wkoll xoghol ta' "delivery".

Il-General Workers' Union qed tikkontendi li l-maggoranza assoluta ta' dawn id-disa (9) haddiema huma membri taghha u ghalhekk kienet qeghda titlob gharfien ("recognition") ghalihom.

Ma' gie b'ebda mod kontestati li l-Union Haddiema Maqghudin ghandha maggoranza assoluta kemm fost il-haddiema kollha tal-Kumpanija kif ukoll fost il-haddiema "industrijali" u fost il-haddiema "mhux industrijali" ta' l-istess Kumpanija mehuda separatament; l-istess Union ikkoncediet li m' ghandiex il-maggoranza assoluta fost l-imsemmija disa' (9) "Labourers" u "Labourer/Driver" jew "Deliverymen", kif qed issejhilhom il-General Workers' Union.

Dawn id-disa' (9) haddiema huma certament "farka" mill-haddiema "industrijali" tal-Kumpanija; il-fatt li jaghmlu xoghol differenti kif ukoll ghandhom xi kundizzjonijiet differenti minn dawk ta' shabhom haddiema "industrijali", sitwazzjoni li tista' tissejjah normali, m'humiex bizzejjed biex jiggustifikaw l-gharfien ("recognition") mill-Kumpanija ta' Union ohra biex tirrapprezenta dawn l-istess disa' (9) haddiema.

/.....

Kieku kellu jsir hekk dan kien jista' jwassal ghas-sitwazzjoni xejn mixtieqa, li f'azjenda wahda, jkun hemm numru ta' Unions differenti rikonoxxuti, liema numru jista' jkun kbir jew zghir, dipendenti minn numru kbir jew zghir ta' haddiema ta' l-istess klassi b'xoghol u b'certi kundizzjonijiet differenti.

Ghalhekk it-Tribunal ma' seta' jsib l-anqas fis-sottomissjonijiet tal-General Workers' Union, ebda raguni valida u li tkun ta' gid kemm ghal dawn l-istess disa' (9) haddiema kif ukoll ghall-kumpanija,kieku biex tirrapprezenthom, l-istess Kumpanija kellha taghti gharfien ("recognition") lill-Union ohra differenti minn dik l-Union li ghandha gharfien ghall-haddiema kollha ("sole recognition") ta' l-istess Kumpanija; pass bhal dan ma' jgib xejn hlief firda u qasma fost il-haddiema u b'hekk jitilfu s-sahha taghhom.

DECIZJONI

Ghaldaqstant it-Tribunal jiddeciedi li l-Kumpanija Paolo Bonnici Limited ghandha taghti gharfien ghall-haddiema kollha ("sole recognition") lill-Union Haddiema Maqghudin ghall-fatt li din l-istess Union tirrapprezenta l-maggoranza assoluta tal-haddiema ta' l-istess Kumpanija.

B'hekk tintemm din it-Tilwima tax-Xoghol.

ANTHONY FARRUGIA
Chairman

JOSEPH DEBATTISTA
Membru

VINCENT ESPOSITO
Membru

ALDO TESTONE
Segretarju